MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Numru. 905/2009

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

vs

Anthony Bezzina
Victor Bezzina
Pierre Balzan
Bartholomeo Gauci

Il-Qorti,

Rat it-talba maghmula mid-Difiza waqt l-udjenza tal-10 ta’ Gunju 2011 fejn intalbet direzzjoni mill-Qorti qabel ma d-Difiza tibda tressaq il-provi taghha stante li rriteniet li uhud mill-provi migbura mill-Prosekuzzjoni huma inamissibbli.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub maghmula mid-Difiza fir-rigward.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-Prosekuzzjoni fuori termine.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li l-espert tekniku l-Perit Richard Aquilina ma inghatax l-inkarigu li jisma’ x-xhieda bil-gurament u li ghalhekk huwa mar oltre n-nomina tieghu meta sema ix-xhieda bil-gurament ta’ Bartolomeo Robert Gauci, Anthony Mamo u Hilarion Aquino u l-Qorti qeghda ghalhekk tiddikjara x-xhieda moghtija mill-imsemmija tlett persuni quddiem il-Perit Richard Aquilina bhala inamissibli fil-proceduri odjerni.

Ghall-ragunijiet indikati fil-paragrafu precedenti dawk il-partijiet tar-relazzjoni tal-espert mediku Dr. Andrew A. Borg fejn huwa sema x-xhieda ta’ Victor Bezzina, ta’ Maria Belara u tar-rapprezentanti mill-Occupational Health and Safety Authority bhala inamissibbli stante li dan l-espert mar ben oltre l-inkarigu lilu moghti mill-Magistrat Inkwirenti.

Il-Qorti sejra tiskarta wkoll dik il-parti tax-xhieda ta’ Charles Micallef fejn huwa irrefera dak li qalulu l-imputati fi stadju ta’ investigazzjoni u dan fid-dawl tal-izvilupp kostituzzjonali ndikati mid-Difiza fin-nota taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------